# Jacqueline

*B'tifkira ta' Jacqueline Catania li tilfet ħajjitha traġikament fl-eta' ta' 16-il sena nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ottubru 1999*

Darba kien hemm Jacqueline
ħamiema protetta mil-liġi ta' l-isparar
Jacqueline ta' sittax-il rebbiegħa
imdandna bir-rix ta' l-O "Levels"
suċċess meraviljuż
Jacqueline li ħolmot il-bejta kennija
u xxenqet għal ġamra fi ljieli xitwin
Jacqueline li siktet ħesrem
mad-dagħwa b'Alla ta' mitt elf ċomba tikwi
li damdmet moħħha fietel frak
bizzilla mtertqa tħuf fi triq l-eternità

***Carmel Azzopardi***
15/11/99